18 ta' Ottubru, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Stella Briffa *versus* L-istess George Briffa

**Benefiċċju tal-Foqra — Avukat — Prokuratur Legali — Atti Ġudizzjarji — Nullità — Art. 105, 205 u 207 tal-Proċedura Ċivili.**

*L-avukat u l-prokuratur legali li jiġu assenjati mill-Qorti lil min ikun ġie ammess biex jilitiga "in forma pauperis" jeżerċitaw l-istess funzjoni li jeżerċitaw l-avukat u l-prokuratur legali magħżula mill-partijiet f'kawżi ordinarji.*

*L-iskritturi għandhom ikunu firmati mill-avukat, inkella jkunu nulli; imma l-firma tal-prokuratur legali ma hix meħtieġa meta l-att ma jkunx preżentat minnu. U dan ma jiġix nieqes bil-fatt li l-avukat u l-prokuratur legali jkunu ġew assenjati mill-Qorti għax il-parti ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-foqra. L-istess regoli li jirregolaw l-iskritturi fil-każ ta' avukat u prokuratur legali magħżulin mill-parti jirregolaw l-iskritturi fil-każ li l-avukat u l-prokuratur legali jkunu assenjati mill-Qorti.*

*L-Avukat tal-Fqar għandu jirrimetti r-rapport tiegħu lill-Qorti fi żmien erbat ijiem wara li dan irċieva l-eżami tax-xhieda, jekk ma*

*tkunx giet lilu akkordata mill-Qorti estensjoni ta' dak it-terminu taq rikors li jkun ghamel meta n-natura ta' l-eżami li jkollu jagh-mel f'xi każ partikulari tkun teżigi żmien itwal.*

Il-Qorti, — Rat ic-ċitazzjoni li biha l attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut żewgha keċċiha minn daru u mhux qiegħed imantniha, talbet illi l-istess konvenut jiġi kundannat ihallas lilha pensjoni alimentarja kuljum, bil mod u fil-kwantità li jiġu stabbiliti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi kif tajjeb, fil-fehma ta' din il-Qorti, issottomettiet l-attriċi, jidher mill-konfront ta' l-art. 105 u 207 tal Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-avukat u l-prokuratur legali assenjati mill-Qorti lil min jiġi ammess biex jillitiga "in forma pauperis" jeżerċitaw l-istess funzjoni li jeżerċitaw avukat u prokuratur legali magħżula mill-kontendenti f'każijiet ordinarji;

Illi skond l-art. 205 tal-Liġijiet fuq indikati l-iskritturi għandhom jiġu sottoskritti minn avukat, u anki minn prokuratur legali meta jkun hemm. Fl-affarijiet tal-kummerċ, iżda, l-iskritturi jistgħu jiġu firmati mill-partijiet;

Illi mill-kliem adoperati fis-suċċitat artikolu (205) jidher illi hija assolutament meħtieġa l-firma ta' l avukat, u mingħajr dik il-firma l-iskrittura tkun rabilhaqq nulla; imma mhux meħtieġa għall-validità ta' l-istess skrittura anki l-firma ta' prokuratur legali; liema firma l-liġi trid li tidher biss meta jkun hemm prokuratur — dak li għandu jiftiehem fis-sens illi dik il firma ta' prokuratur hija rikjesta meta l-iskrittura tiġi minnu preżentata

Illi f'dan il-każ l-iskrittura ma ġietx preżentata mill-prokuratur legali, imma mill-avukat li kellu d-dritt jippreżentaha skond dak li hemm maħsub fin Notifikazzjoni tal-Gvern numru 340 ta' l-1940;

Illi kull ma ntqal fuq, jiġifieri li hija biżżejjed il-firma ta' l-avukat għall-validità ta' l-iskrittura, għal dak naturalment li jirrigwarda s sottoskrizzjoni, ma għandux ibiddlu l-fatt li l-avukat u l-prokuratur legali ma ġewx magħżula mill partijiet imma assenjati mill-Qorti billi dik il-parti ġiet ammessa għall-patroċinju gratuwitu; il-għaliex, kif ġa fuq ġie

rilevat, il-Qorti tassenja avukat u prokuratur legali lill-parti ammessa sabiex tillitiga "in forma pauperis" għal patroċinju tagħha bħal ma k'eku ġew mitnħa magħżula; xorta waħda huma l-funzjonijiet, u kull ma jiswa għal dawn għandu jiswa wkoll għall-oħrajn; u ġa la darba ma hemmx nullità jekk, għalkemm il-parti tkun għażlet li jkollha anki l prokuratur fil-kawża, dak il-prokuratur iżda ma jipprezentax huwa ċ-ċitazzjoni firmata mill-avukat u ma jiffirmahiex, hekk ukoll ma għandux ikun hemm nullità meta dana jissuċċiedi fil-każ li l-avukat u l-prokuratur legali jkunu ġew assenjati mill-Qorti minħabba l-patroċinju gratuwitu, u li għalih il-parti tkun ġiet ammessa. Anki f'dan il-każ, kif fil-każ l-ieħor, il prokuratur li jonqos jeżerċita l funzjoni tiegħu ............ ma jġibx nullitajiet meta ma jivverifikawx ruħhom skond il-liġi, biss il-għaliex il-prokuratur ikun ġie assenjat mill-Qorti;

Tikkunsidra fuq il-motiv l-ieħor tan-nullità taċ-ċitazzjoni rilevat mill-konvenut;

Illi skond l art. 934 tal-Liġijiet fuq indikati l-Avukat tal-Fqar għandu jrrimetti r-rapport tiegħu lill Qorti f'erbat ijiem żmien wara li jkun spiċċa l-eżami tax-xhieda, jekk ma tkunx ġiet lilu akkordata mill-Qorti estensjoni fat-terminu fuq rikors li jkun għamel meta n-natura ta' l-eżami li jkollu jagħmel f'xi każ partikulari tkun teżiġi żmien itwal;

Illi fil każ preżenti l-attriċi għamlet it-talba għall-benefiċċju ta'-fqar direttament lill Avukat tal-Fqar fis-6 ta' Settembru 1944. Fit-13 ta' Settembru xehdet l-attriċi. Fl-4 ta' Diċembru 1944 ġie mniżżel verbal mill-Avukat tal-Fqar fis-sens li l-attriċi għamlet riferenza għall-kawża fl-ismijiet "Briffa vs. Briffa" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit 30 ta' Gunju 1944. Ir rapport ġie preżentat l-għada:

Illi għalkemm l-attriċi xehdet .......... Dak in-nhar stess l-Avukat tal-Fqar kiteb il-verbal fuq indikat, billi l-attriċi għamlet riferenza għall-imsemmija kawża. Deherlu li għandu jammettiha l-għaliex kien ġà eżamina l-attijiet ta' l-imsemmija kawża, u l-għada stess huwa ppreżenta r-relazzjoni tiegħu favorevoli;

Illi għalhekk fiċ ċirkostanzi jista' jiġi ritenut illi l-istadju ta' l-eżami tax-xhieda ma spiċċax qabel l-4 ta' Diċembru; u

billi r-relazzjoni ġiet preżentata l-għada, dina ġiet preżentata fit-terminu mpost mil-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespingi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni, sant għall-motiv li ma jidhirx fih il-Prokuratur Legali............ kemm ukoll għall motiv li l-proċedura li saret għal dan il-patroċinju mhix effikaċi; u għaldaqstant tordna li l-kawża titkompla għat-trattazzjoni fil-meritu;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut.